**MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN**
**Nru. 09/02/2015**
***Kienet addottata Aġenda nru. 09/2015***

**Iltaqa' fil-Bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ**

**Data: It-Tlieta, 2 ta' Ġunju 2015**

**Ħin: Fis-5.30 ta' filgħaxija**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sinjura Marija Saliba – Chairperson**
- **Is-Sur Frank Fenech – Deputat Chairperson**
- **Is-Sur Martin Cefai – Membru**
- **Is-Sinjura Sandra Grech – Membru**
- **Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba – *Ex Officio***
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Ippresjediet il-laqgħa ċ-Chairperson is-Sinjura Marija Saliba.

## 1. TALBA

Intqalet talba miċ-Chairperson u ngħata bidu għall-laqgħa.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU. 08/2015

Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 08/2015 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

Iċ-Chairperson talbet għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

Iċ-Chairperson talbet għall-approvazzjoni tal-minuti kif ippreżentata u staqsiet għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

## 3. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU. 08/2015

Dwar il-*bollards* għal fuq il-*promenade* ta' Marsalforn, il-Kumitat approva x-xiri ta' *bollards* mudell 101 mingħand Anton Zarb.

Dwar il-kwistjoni tal-*hawkers*, is-Sindku qal għandhom jinħarġu l-permessi lil kull min ikun lest iħallas. Il-Kumitat qabel mas-Sindku.

## 4. KORRISPONDENZA

Sar il-qari ta' din il-korrispondenza:

Ittra mibgħuta mill-Perit tal-Ministeru għal Għawdex dwar it-tiġdid ta' DN 519/15 "Embellishment works and reservation of public land for placing of tables and chairs''. Il-Kumitat iddeċieda li ma joħroġx *no objection letter* għat-tiġdid tal-permess sakemm is-sitwazzjoni tal-imwejjed tal-istabbilimenti tibqa' kif inhi.

Ittra mibgħuta mill-uffiċċju ta' Eko-Għawdex dwar it-twaħħil ta' tabelli fil-wied ta' Marsalforn juru li ma jistax isir tixbit mal-ilqugħ tal-wied. Il-Kumitat ma qabilx mal-proposta.

Komunikat mibgħut mill-Perit tal-Ministeru għal Għawdex dwar il-*litter bins* qodma fuq il-*promenade* tal-Qbajjar. Il-Kumitat iddeċieda li jaqla' dawn il-*litter bins* (jinqalgħu minn nies tal-Kunsill).

Komunikat mibgħut minn Transport Malta dwar *reserved parking bay* għall-persuni b' diżabilita` fi Triq Santa Marija. Ġie deċiż li l-Kumitat jitlob lil Transport Malta *no objection* tas-sidien tal-bini li quddiemhom qed ikun propost li tinżebgħah il-*bay*.

Komunikat ta' Natalie Sciortino dwar proposta ta' attivita` f' Marsalforn. Il-Kumitat ftiehem li jiltaqa' mas-Sra. Sciortino fis-seduta li jmiss.

Ittra mibgħuta mill-Av. Carmelo Galea f' isem il-Kappillan Dun Mikiel Borg dwar l-ipparkeġġjar tal-vettura ta' Borg fuq iz-zuntier tal-Knisja ta' Marsalforn.

Komunikat tal-Fondazzjoni OASI biex il-kunċert Riflessi Sajfin isir fi Triq il-Port u mhux fil-Menqa minħabba l-*encroachments* tal-ħwienet. Il-Kumitat qabel li l-palk jintrama fi Triq il-Port, l-entratura tal-Menqa ma tingħalaqx għat-traffiku.

| **Applikazzjonijiet għall-permess tal-Kunsill Lokali** | **Deċiżjonijiet meħuda mill-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn** |
|---|---|
| (i) Knisja San Pawl Marsalforn<br>Purċissjoni tal-Korpus nhar is-17 ta' Ġunju 2015 f' diversi toroq f' Marsalforn. | Ma kienx hemm oġġezzjonijiet. |
| (ii) L-Awtorita` tat-Turiżmu<br>Għal taqqif ta' posta (*hawker*) fil-Bajja ta' Għar Qawqla mill-1 ta' Lulju sal-31 ta' Awwissu 2015. | Ma kienx hemm oġġezzjonijiet. |
| (iii) James Said<br>Għal twaqqif tal-*bumping cars* fil-*car park* ta' Marsalforn, l-istess sit tas-sajf li għadda. | Rifjutata. |
| (iv) Davide Ravagli<br>Applikazzjoni għal divertiment – Band nhar l-14 ta' Ġunju 2015 fuq il-*promenade* ta' Marsalforn. | Approvata. |
| (v) Transport Malta<br>Applikazzjoni għal *reserved parking bay* għall-persuni b' diżabilita` ta' Rev. John Gauci fi Triq il-Qbajjar. | Approvata. |

It-talbiet għal kumpens – ħsarat fuq vetturi ta' Joseph Cordina u Christopher Portelli kienu rifjutata u dan għax ma kienx hemm provi biżżejjed li l-ħsarat fuq il-vetturi kienu kaġunati mill-istat tat-toroq.

## 5. ILMENTI U SUĠĠERIMENTI

**Nru. KAM 12/2015 – is-Sur George Scerri**
Talab biex issir bankina ġdida quddiem ir-residenza 'Belsito' fi Triq Għar Qawqla. It-talba għal bankina kienet approvata.

**Nru. KAM 14/2015 – il-Viċi Sindku Daniel Cordina**
Għandu talba biex jitwaħħlu *bollards* quddiem ir-residenza 24, Triq ir-Rabat. It-talba kienet rifjutata – mhux *policy* tal-Kunsill.

**Nru. KAM 15/2015 – il-Viċi Sindku Daniel Cordina**
Ressaq dawn it-talbiet:

- jinbena lqugħ ta' żewġ filati oħra fuq li hemm fil-*car park* ta' Marsalforn, fuq ir-riħ tal-latrina. Is-Sindku qal il-bini tal-ilqugħ qed isir mill-Ministeru għal Għawdex.
- jinżebgħu *double yellow lines* bejn garaxx u ieħor fi Triq il-Plejju. Talba approvata mill-Kumitat.

**Nru. KAM 16/2015 – is-Sur Paul Cassar**
Talab biex tinbidel il-bankina ta' quddiem l-appartamenti 'Seafront' fi Triq Santa Marija. It-talba kienet approvata.

**Nru. KAM 17/2015 – is-Sur Ryan Zammit**
Talab biex tinbidel il-bankina ta' quddiem 'Tony's Flts' fi Triq il-Qolla s-Safra. Talba approvata mill-Kumitat.

**Nru. KAM 18/2015 – iċ-Chairperson Marija Saliba**
Ressqet dawn il-proposti:

(i) isir *railing* taħt iċ-ċint faċċata ta' Pennellu Restaurant fi Triq il-Port. *Railing* approvat, isir minn tal-Beaches.

(ii) kisi bit-tarmak ta' Triq il-Munġbell u Triq il-Qbajjar sa Triq Barda. Is-Sindku qal li kien ser jipproponi fil-Kunsill biex issir sejħa għall-offerti għall-kuntratt tat-tarmak.

(iii) biex Triq il-Qbajjar issir *one-way* fix-xhur tas-sajf. Il-proposta kienet rifjutata mill-Kumitat.

(iv) ftuħ ta' uffiċċju f' Marsalforn, ikun jinfetaħ darbtejn fil-ġimgħa. Qbil mal-proposta. Is-Segretarja Eżekuttiva kienet ser tiftaħ korrispondenza mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

(v) isir *loading / unloading bay* fi Triq il-Qbajjar. Proposta rifjutata, mhux konformi mal-kriterji.

(vi) issir bankina ġdida quddiem ir-residenza 'Dar Stella Maris' fi Triq Għar Qawqla. It-talba kienet approvata.

**Nru. KAM 19/2015 – is-Sur Mario Cassar**
Biex jinżebgħah *double yellow lines* fuq naħa waħda ta' garaxx fi Triq il-Qbajjar. It-talba kienet approvata.

## 6. SEJĦA GĦALL-KWOTAZZJONIJIET

**MANIFATTURA U TWAĦĦIL TA' PASSAĠĠ TAL-INJAM FIL-BAJJA TA' MARSALFORN**

Is-Segretarja Eżekuttiva fetħet iż-żewġ kwotazzjonijiet mitfugħa għall-manifattura u twaħħil ta' passaġġ tal-injam fil-Bajja ta' Marsalforn.
Il-kwotazzjonijiet kienu ta', bil-valur:

| | |
|---|---|
| Carmelo Camilleri Furniture Ltd | €15,120 |
| Paul Zammit | €4,600 |

Il-Kumitat għażel il-kwotazzjoni ta' Paul Zammit li kienet l-irħas waħda. Kien maqbul li r-rampa ssir jekk l-injam ikun *marine*.

## 7. MATERJA OĦRA

Dwar ir-*railings* tal-Qbajjar, il-Kumitat iddeċieda li r-*railings* jinżebgħu kulur blu skur u x-xogħol isir minn tal-Beaches.

Il-Kumitat approva dawn ix-xogħlijiet:

- tiswija ta' *gazibo* fil-*promenade* tal-Qbajjar (stima ta' €45).
- bdil tat-tabelli li hemm mimlija sadid fuq il-*promenade* tal-Qbajjar.
- jipprovdi l-madum nieqes 7 u żebgħa għall-manutenzjoni tal-funtana tal-*promenade* tal-Qbajjar.
- l-i*skip on wheels* ta' Triq il-Qbajjar jitla' aktar il-fuq. Iċ-Chairperson qalet li hi kontra li l-i*skip* jitla' hemm fuq.
- xogħol ta' traqqiegħ f' Marsalforn.

Dwar il-qtugħ tal-ħaxix u t-tindif tat-toroq, il-Kumitat ftiehem li dan isir minn Noel Attard u Belinio Attard.

Kien miftiehem li:

- l-Ministeru għal Għawdex jintalab *breakdown* tal-ispejjeż tax-xogħlijiet li saru fuq il-*promenade* tal-Qbajjar.
- issir talba lill-Ministeru għal Għawdex biex il-ħajt ta' Three Hills Garden li jiġi fi Triq il-Plejju jinkesa bis-sejjieħ jew alternattiva oħra jsir ilqugħ tal-ħadid fuq il-ħajt biex ikun evitat tixbit minn Triq il-Plejju għal Triq ix-Xagħra.
- tintbagħat ittra *reminder* lill-Pulizija dwar dgħajjes imxerrda mat-toroq ta' Marsalforn u fil-*car park*.

Dwar l-ingombru fuq il-bankina fil-bidu ta' Triq ix-Xagħra, is-Sindku kien ser jitkellem mal-ħaddiema tal-Gvern li hemm fil-*car park*.

Intqal li fil-bidu ta' Triq Santa Marija hemm xi xkejjer mimlija terrapien,

## 8. AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ntemmet fit-8.30 ta' filgħaxija. Il-Kumitat aġġorna għat-Tlieta, 14 ta' Lulju 2015 fil-5.30 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| **Marija Saliba** | **Diane Tagliaferro** |
| ***Chairperson*** | ***Segretarja Eżekuttiva*** |